

Brussell, 14 ta' Novembru 2018
(OR. en)

13981/18

CULT 140

NOTA PUNT "I/A"

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti (Parti 1)/Kunsill
Suġġett:	Azzjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura 2020 - 2033 F'atra mill-Kunsill ta' tliet esperti tal-bord ta' għażla u monitoraġġ għall-perijodu 2019-2021

1. Il-bord ta' għażla u monitoraġġ imsemmi hawn fuq kien stabbilit mill-Artikolu 6 tad-Deċiżjoni Nru 445/2014/UE li tistabbilixxi azzjoni tal-Unjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għall-2020 sal-2033¹. Huwa magħmul minn 10 esperti, li minnhom tlieta huma maħtura mill-Kunsill, il-bqija mill-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u l-Kumitat tar-Reġjuni.
2. Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill 2014/353/UE tal-21 ta' Mejju 2014² ("id-deċiżjoni ta' implimentazzjoni") tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi u proċedurali għall-ħatra mill-Kunsill tat-tliet esperti tiegħu. F'konformità mal-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2014/353/EU, l-Istati Membri għandhom jorganizzaw polza sabiex jgħażlu t-tliet Stati Membri li jirrakkomandaw l-esperti lill-bord għall-perijodu l-2019-2021.
3. Fil-laqgħa tiegħu tal-20 ta' Settembru 2018, il-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali organizza polza u għażel il-Bulgarija, Franzau l-Polonja bħala l-Istati Membri li kull wieħed jirrakkomanda espert wieħed biex jinħatar mill-Kunsill fil-bord.

¹ ĠU L 132, 3.5.2014, p. 1.

² ĠU L 175, 14.6.2014, p. 27.

4. F'konformità mal-Artikolu 2(2) tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni, il-Bulgarija, Franza u l-Polonja għażlu l-esperti tagħhom mill-grupp ta' esperti Ewropej potenzjali stabbilit mill-Kummissjoni Ewropea. Is-Sinjura Dessislava GAVRILOVA, Is-Sur Pierre SAUVAGEOT u s-Sinjura Paulina FLORJANOWICZ intgħażlu u ġew rakkomandati biex jinħatru fil-bord.
5. Fil-laqgħa tiegħu tat-12 ta' Novembru 2018, il-Kumitat tal-Affarijiet Kulturali eżamina l-applikazzjonijiet tal-esperti rakkomandati kif previst fl-Artikolu 2(3) tad-deċiżjoni ta' implimentazzjoni u qabel li għandhom jinħatru mill-Kunsill.
6. Huwa għalhekk issuġġerit li l-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jistieden lill-Kunsill biex jaħtar, bħala punt "A" f'waħda mil-laqgħat tiegħu li jmiss, lit-tliet esperti li ġejjin fil-bord ta' għażla u monitoraġġ għall-azzjoni għall-Kapitali Ewropej tal-Kultura għall-perijodu 2019-2021:
 - Is-Sinjura Dessislava GAVRILOVA
 - Is-Sur Pierre SAUVAGEOT
 - Is-Sinjura Paulina FLORJANOWICZ.